# Il-Banda 'La Vincitrice'

**Jikteb is-Sur John Stanicic**

Għaqdiet Filarmoniċi jsiru skond l-użanzi tal-membri, u jekk ikunu bil-għaqal jirnexxielhom ikampaw skond l-esiġenzi taż-żminijiet.

Il-Belt Qatt Mirbuħa (Senglea) kienet minn ta' l-ewwel li tat lil Malta tagħna, Għaqdiet Mużikali li għamlu unur lil dawn il-gżejjer.

Is-Soċjetà Filarmonika *'La Vincitrice'*, li din is-sena tagħlaq il-135 anniversarju li ħadet dan l-isem, kienet l-ewwel banda Maltija li għamlitha ta' ambaxxatriċi 'l hinn minn xtutna meta kienet mistiedna ta' baned barranin. Dan kien is-Sibt, 26 ta' Ġunju 1875, meta *'La Vincitrice'* ħalliet xtutna biex tagħti kunċerti f'Catania.

L-ewwel darba li naqraw fil-ġurnali kien fil-*Mediterraneo*, ta' l-10 ta' Settembru 1856, billi ssib li għall-festa tal-Vitorja kien hemm żewġ baned Maltin. Hemm probabbiltà kbira li dawn kienu Sengleani, però, mhux bħalma nafuhom illum (baned ta' sittin ruħ u aktar).

Ġurnal ieħor *'L'Ordine'* tat-12 ta' Settembru 1862, isemmi li Mro. Mallia kien żanżan innu bil-versi tas-Senglean Ferris li kien sar sena qabel, jiġifieri fis-sena 1861.

Fis-sena 1871 u fis-6 ta' Settembru 1873, li f'dan iż-żmien il-banda kienet diġà ħadet l-isem ta' *'La Vincitrice'* u kienet f'idejn il-Maestro Carmelo Abela Scolaro, li kien joqgħod f'numru 41, Triq il-Mina tax-Xatt, fejn dak iż-żmien




*Timbru antik uffiċjali tal-Banda 'La Vincitrice'*



*Mro. Carmelo Abela Scolaro*

kienet tinsab is-sede tas-Soċjetà.

Il-Banda *'La Vincitrice'* għamlet żmien sewwa tidħol il-Belt Valletta ddoqq fil-pjazza fejn kien hemm Cafè Regina. Kienet din il-banda li ħajret lill-Beltin biex jiffurmaw il-baned tagħhom.

Billi l-Banda *'La Vincitrice'*, għamlet wisq progress, u b'effett tal-pika bdiet tissejjaħ *Progresso Vincitrice*. Bdiet ukoll tieħu sehem fit-Teatru La Vittoria fl-Isla stess.

Is-Soċjetà Filarmonika *'La Vincitrice'*, kisbet il-permess mis-supretendent tal-pulizija biex tkun tista' ddoqq barra fit-toroq tal-Belt Senglea. Dan kien jum l-Erbgħa, 6 ta' Jannar 1875 (131 sena ilu), quddiem folla kbira. Billi ma nqalax inkwiet f'Ħadd il-Palm ta' l-istess sena *'La Vincitrice'*, tat kunċert vokali bandistiku. Dan iż-żmien il-president kien il-Kanonku Ignazio Panzavecchia.



*Kan. Igniazio Panzavecchia*



*Mro. Antonio Miruzzi*

Il-banda kienet għadha fl-ewwel snin proprju tagħha meta kien miet wieħed mill-bandisti tagħha. Kien jismu Salvatore Borg, li kien jiġi iben l-ewwel president tas-Soċjetà *'La Vincitrice'* Carlo Borg. Għall-ewwel, l-awtoritajiet kolonjali rrifjutaw il-permess biex isir il-funeral bil-marċi funebri mill-Isla saċ-ċimiterju ta' l-Addolorata (Tal-Ħorr). Però, bl-għajnuna ta' l-ispettur Robbie Bonello u bit-tħabrik u l-insistenza tal-Kanonku Ignazio Panzavecchia, il-permess ingħata. Dan il-funeral kien l-ewwel wieħed ta' din ix-xorta li sar f'Malta, fejn ħadu sehem diversi membri u kumitati bl-istandardi tagħhom minn diversi għaqdiet. Il-ġurnali nkuraġġew l-ideja tal-funerali għall-membri sabiex tkun applikata minn baned oħra. Skond il-ġurnal *Il Risorgimento'* tat-28 ta'

Diċembru 1876, dan ta' l-Isla kien każ speċjali.

Fl-Isla, minn dejjem kienet issir il-festa tal-Porto Salvo, u hawn tajjeb min isemmi li s-Surmast Carmelo Abela Scolaro li kien hejja innu li daqqet l-istess banda, u anke



Carlo Borg

bdiet tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Il-pika li kienet teżisti bejn iż-żewġ każini ta' din il-belt qatt ma sarrfet fi ksur ta' liġi, la f'dak iż-żmien u lanqas 'il quddiem. Il-banda kienet tieħu sehem fil-festi tal-Karmnu u ta' San Duminku tal-Belt, fejn meta jispiċċaw jibqgħu neżlin idoqqu sax-xatt tal-Belt; fejn minn hemm jitilqu għall-Isla fuq id-dgħajjes idoqqu u folla Sengleana tkun qiegħda tistenniehom il-ponta ta' l-Isla (kien żmien ieħor).

Jekk is-Surmastrijiet Pasquale Millo, Abela Scolaro u Antonio Miruzzi bnew il-bażi tal-banda Sengleana, xejn anqas is-Surmast Portelli li kien mużikant tajjeb; huwa mexxa l-banda fl-eqqel tal-piki bejn il-baned; dejjem il-pika kienet min idoqq l-aħjar.

*'La Vincitrice'* kellha wkoll lis-Surmast Giuseppe Parisi (Taljan) li kien joqgħod l-Isla. Fiż-żmien kien biddel l-istil ta' kif il-bandisti jieħdu posthom fil-marċijiet, billi neħħa r-ramm mill-fillieri ta' quddiem u minflok qiegħed il-klarinettisti, fejn baned oħra innutawha.

Il-ġurnal *La Patriotta* tat-3 ta' Ġunju, 1896 jirrapporta s-suċċess




*Inno miktub minn G. Parisi 1895*

tal-banda fi programm li l-Banda *'La Vincitrice'* tat fi Pjazza San Ġorġ ġewwa l-Belt Valletta; u kienet ippreżentata rigal mill-Kavallier Balbi fost iċ-ċapċip u l-ferħ tal-poplu preżenti. Kav. Balbi kellu stima kbira lejn il-banda u s-Soċjetà Sengleana *'La Vincitrice'*.

Okkażjoni oħra kienet meta fit-22 ta' Diċembru 1901, is-Soċjetà Filarmonika *'La Vincitrice'* ħadet sehem attiv ħafna fl-akbar festa taż-żmien; l-Episkopat ta' Mons. Salvatore Gaffiero.

Bħala Senglean, dan is-saċerdot hu kien għażel biex jiċċelebra l-

**FRATELLI CONDACHI & CO.**

La Società Filarmonica Sengleana "La Vincitrice," eseguirà in Piazza San Giorgio, Domenica 29 Gennajo 1899, alle ore 4 30 p.m., il seguente:

PROGRAMMA

1. Marcia—*Scimitarra*—G. PARISI
2. Sinfonia—*Fantastica*—MERCADANTE
3. Atto IV—*Il Trovatore*—VERDI
4. Atto III—*La Boheme*—PUCCINI
5. Atto IV—*Un Ballo in Maschera*—VERDI
6. Polka—*Indiana*—G. PARISI

God Save the Queen

Cav. G. PARISI
*Maestro Direttore*

*STRADA REALE 252.*

Ġublew tad-Deheb tas-saċerdozju tiegħu fl-Isla. Wara l-quddiesa l-Banda Sengleana *'La Vincitrice'*, wasslet lill-Isqof Gaffiero u lill-Isqof Pace mill-Kolleġġjata għal San Filippu. Wara nofs in-nhar saret akkademja f'ġieħ l-Isqof Gaffiero fil-każin tal-banda.

Kien fis-sena 1903, meta l-banda ħadet it-titlu ta' 'Queen's Own'; dak iż-żmien taħt il-presidenza tal-Kanonku Primicenjo Marengo. Għaliex tgħammdet b'dan l-isem għadna ma nafuhx forsi biex timita baned oħra? F'din is-sena wkoll il-banda marret Sqallija fejn żaret Floridia u kienet milqugħa tant tajjeb. Ġiet ippreżentata b'bandalora li ntilfet fil-gwerra.

Kienet is-sena 1905, skond il-ġurnal *Malta Tagħna* meta l-banda żanżnet uniformi ġdida maħduma mis-Sur Darmanin. Il-baned tagħna f'dak iż-żmien kien fihom għaxqa. F'dan iż-żmien il-banda kienet f'idejn is-Senglean Mro. Gaetano Grech.

Ma nistgħux ma nsemmux is-sehem kbir li ħadet il-banda fil-Kungress Ewkaristiku fis-sena 1913. U xi ngħidu għall-ħidma tagħha fl-Isla fl-okkażjoni ta' l-Inkurunazzjoni ta' Marija Bambina fix-xatt ta' l-Isla fl-4 ta' Settembru 1921; bħal-lum 85 sena ilu.

Kienet il-gwerra li ħarbtet il-Belt



*Il-kungress Ewkaristiku fis-sena 1913 fuq il-Barrakka ta' Fuq.*

Senglea u s-Sengleani; bid-dmugħ f'għajnejhom iħallu djarhom għat-tiġrif tal-bombi. Il-bombi biddlu għal kollox il-mod tal-ħajja fl-Isla. Ħafna Sengleani baqgħu jżuru l-Isla u oħrajn irritornaw lejn din il-Belt.

Maż-żmien u b'ħidma kbira reġa' ttella' mill-ġdid il-każin u ffurmat ruħha l-banda bil-għajnuna ta' Alla u ta' Ommna Marija Bambina.

Is-Soċjetà u l-banda onoraw fl-aqwa tagħhom il-festi fl-Isla fis-snin 1971 u 1996 rispettivament; fl-anniversarji ta' l-Inkurunazzjoni ta' Marija Bambina, fejn kienu ċċelebrati festi memorabbli. Meta l-Kardinal Giacomo Lercaro qiegħed warda f'riġlejn il-Madonna, Omm din il-belt marittima fis-sena 1971.

Memorabbli kienet il-laqgħa lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II, li żarna fis-sena 1990, fejn niżel ix-xatt ta' l-Isla milqugħ mid-daqq tal-banda Sengleana fost il-ferħ tal-poplu.



*L-Inkurunazzjoni ta' l-istatwa ta' Marija Bambina nhar l-4 ta' Settembru 1921.*

Il-banda tul dawn l-aħħar snin ta' wara gwerra għaddiet f'idejn diversi surmastrijiet bravi bħal Antonio Muscat Azzopardi, George Martin, Horace Cilia, Alfred Callus, Michael Borg u llum taħt it-tmexxija tas-Surmast Senglean Brian Cassar.

Dawn huma ftit mit-tifkiriet li jfakkru s-Soċjetà u l-banda Sengleana fi ġrajjietha li llum bl-isem glorjuż u memorabbli ta' *'La Vincitrice'* li missirijietna kienu għamduha bih 135 sena ilu, flimkien inkomplu naħdmu biex inżommu fl-għoli l-kultura mużikali u li tkun strumentali biex insaħħu l-karattru tal-festa Sengleana, f'dawn il-festi sbieħ ta' kif jafu jagħmlu s-Sengleani.


**FRANĠUL & ANĠIE HALL**

For Weddings, Engagement Parties, etc...

Fully Air Conditioned

Open: Monday - Friday - 5pm - 7pm

Mob: 9949 8577 Tel: 2167 6106